

Brussell, 22 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

17116/23

SOC 886  
EMPL 626  
SAN 771

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għan-Netherlands

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għan-Netherlands. Dan it-test qed jintbagħat għall-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, qabel ma jiġi adottat f'sessjoni futura tal-Kunsill.

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li taħtar membru supplenti

fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol  
għan-Netherlands

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022<sup>2</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.
- (2) Il-gvern tan-Netherlands ippreżenta nomina għal post vakanti li għandu jimtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

I. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

Stat Membru	Membru Supplenti
In-Netherlands	Is-Sur Wim VAN VEELEN

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ,

Għall-Kunsill  
Il-President